

Brussell, 28 ta' Awwissu 2025
(OR. en)

12287/25
ADD 1

PECHE 237
DELECT 119

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5784 annex
Suġġett:	ANNESSI tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 billi jistabbilixxi regoli dwar il-kontroll tas-sajd u dwar is-sorveljanza u l- ispezzjoni tal-attivitajiet tas-sajd, l-infurzar u l-konformità

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 5784 annex.

Mehmuż: C(2025) 5784 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.8.2025
C(2025) 5784 final

ANNEXES 1 to 6

ANNESI

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jissupplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 billi jistabbilixxi regoli
dwar il-kontroll tas-sajd u dwar is-sorveljanza u l-ispezzjoni tal-attivitajiet tas-sajd, l-
infurzar u l-konformità**

ANNESS I

KOMPITI TAL-OSSERVATURI TA' KONTROLL

1. L-osservaturi ta' kontroll għandhom jieħdu nota tal-attivitajiet tas-sajd rilevanti kollha meta jkunu mbarkati fuq il-bastiment tas-sajd, inkluż b'mod partikolari dawn li ġejjin:
 - (a) id-data u l-ħin u l-pożizzjonijiet ġeografiċi tal-bidu u t-tmiem ta' kull operazzjoni tas-sajd.
 - (b) l-osservazzjonijiet tal-fond fil-bidu u t-tmiem tal-operazzjoni tas-sajd.
 - (c) it-tip ta' rkaptu użat f'kull operazzjoni u d-dimensjonijiet tiegħu, inklużi d-daqsijiet tal-malji fejn applikabbli u l-aċċessorji użati.
 - (d) l-osservazzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni tal-qbid (jiġifieri dikjarazzjonijiet ta' LB, PNO u ta' trażbord) u tal-qabda stmata sabiex jiġu identifikati l-ispeċijiet fil-mira, skont il-qabdiet, inklużi speċijiet sensittivi, u l-qbid skartat għall-konformità mar-reġistrazzjoni tal-qbid, mal-kompożizzjoni tal-qbid u mar-regoli dwar l-iskartar.
 - (e) l-osservazzjonijiet tad-daqs tal-ispeċijiet differenti fil-qabda, b'referenza speċifika għall-kampjuni taħt id-daqs minimu.
2. L-osservaturi ta' kontroll għandhom jieħdu nota ta' kwalunkwe interferenza mas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, inkluż l-apparat ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kif ukoll ma' sistemi jew apparati oħra rilevanti għall-kontroll tas-sajd, bħas-sistemi elettroniċi ta' monitoraġġ mill-bogħod, inklużi s-CCTVs, u s-sistemi għall-kejl u r-reġistrazzjoni kontinwi tal-potenza tal-magna.
3. L-osservaturi ta' kontroll għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u jieħdu nota ta' kwalunkwe informazzjoni li tista' tkun rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk l-attivitajiet tas-sajd ikunux twettqu bl-użu ta' xogħol furzat. Sabiex jiġi ddeterminat jekk ikunx seħħ xogħol furzat abbord bastiment tas-sajd, osservatur ta' kontroll jista' jqis indikatur wieħed jew aktar elenkati fl-Anness V jew kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

ANNEX II

FORMAT TAR-RAPPORT TAL-OSSERVATUR TA' KONTROLL

DETTALJI TAL-OSSERVATUR	
Isem	
Deżinjat minn (l-awtorità kompetenti)	
Stazzjonat minn (l-awtorità li qed timpjegah)	
Data tal-bidu	
Data tat-tmiem	

DETTALJI TAL-BASTIMENT TAS-SAJD	
Tip	
Stat tal-bandiera	
Isem	
Numru ta' identifikazzjoni "CFR" (common fleet register number) jew, fejn mhux disponibbli, numru ieħor	
Identifikatur estern	
Sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju	
Numru tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO, International Maritime Organization) jew, fejn mhux disponibbli, numru ieħor	
Potenza ta' propulsjoni tal-magna	
Tul totali	

TIPI TA' RKAPTU LI JINĠARRU ABBORD	
1.	
2.	
3.	

IRKAPTU LI ĠIE OSSERVAT LI NTUŻA MATUL IL-VJAĠĠ	
1.	
2.	
3.	

DETTALJI TAL-OPERAZZJONIJIET TAS-SAJD	
Numru ta' referenza tal-operazzjoni tas-sajd (jekk applikabbli)	
Data	
Tip ta' rkaptu użat	
Dimensjonijiet	
Daqs tal-malja	
Aċċessorji mwaħħla	
Ħin tal-bidu tal-operazzjoni Ħin ta' tmiem l-operazzjoni	
Pożizzjoni fil-bidu tal-operazzjoni	
Fond fil-bidu	
Fond fi tmiem l-operazzjoni	
Pożizzjoni fi tmiem l-operazzjoni	

QABDIET		Speċijiet	Miżmuma	Skartati
Kwantitajiet stmati ta' kull speċi f'kilogrammi ekwivalenti għall-piż ħaj	Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni			
	Inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni			
Kwantitajiet stmati tal-ispeċijiet fil-mira f'kilogrammi ekwivalenti għall-piż ħaj	Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni			
	Inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni			
Kwantitajiet stmati tal-ispeċijiet fil-mira f'kilogrammi ekwivalenti għall-piż ħaj	Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni			
	Inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni			
Qabda totali stmata, f'kilogrammi ekwivalenti għall-piż ħaj	Daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni			
	Inqas mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni			


OSSERVAZZJONIJIET TA' NUQQAS TA' KONFORMITÀ

SOMMARJU TA' TMIEM IL-VJAĠĠ TAS-SAJD

FIRMA TAL-OSSERVATUR

DATA

ANNESS III
IMMARKAR TAL-MEZZI TAL-ISPEZZJONI TAS-SAJD



BORGIN JEW SIMBOLU TA' SPEZZJONI

Il-bastimenti kollha użati għall-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar tas-sajd għandu jkollhom il-borgin jew is-simbolu ta' spezzjoni muri b'mod ċar fuq il-ġnub tal-unità użata b'tali mod li jkun jidher b'mod ċar. Il-bastimenti impenjati b'dawn il-kompiti għandhom itajru l-borgin ta' spezzjoni b'tali mod li din tkun tidher b'mod ċar il-ħin kollu.

Jistgħu jitwaħħlu wkoll il-kliem "SPEZZJONI TAS-SAJD" mal-ġnub tal-unitajiet.

ANNEX IV

KOSTRUZZJONI U UŻU TA' SLIELEM TAL-IMBARK

1. Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar l-aċċess għall-bastimenti tas-sajd li jkollhom għoli ta' 1,5 metru jew aktar.
2. Għandu jiġi pprovdut sellum tal-imbark li għandu jkun effiċjenti biex l-ispetturi jkunu jistgħu jimbarkaw u jiżbarkaw b'mod sikur fuq il-baħar. Is-sellum tal-imbark għandu jinżamm nadif u fi stat tajjeb.
3. Is-sellum għandu jitqiegħed fil-pożizzjoni u jkun marbut b'tali mod li:
 - (a) ma jkunx fid-direzzjoni ta' xi emissjonijiet li jista' jkun hemm mill-bastiment tas-sajd.
 - (b) ma jkunx fid-direzzjoni tal-ħbula l-iktar irraqq u, safejn ikun possibbli, ikun f'nofs it-tul tal-bastiment tas-sajd.
 - (c) kull skaluna tkun tistrieħ b'mod sod mal-ġenb tal-bastiment tas-sajd.
4. L-iskaluni tas-sellum tal-imbark:
 - (a) għandhom ikunu magħmulin minn injam iebes jew minn materjal ieħor li jkollu proprjetajiet ekwivalenti, u jkunu magħmulin minn biċċa waħda mingħajr għoqiedi; l-erba' skaluni t'isfel nett jistgħu jkunu magħmulin minn lasktu li jkun b'saħħtu u iebes biżżejjed, jew minn xi materjal ieħor adattat li jkollu karatteristiċi ekwivalenti.
 - (b) għandu jkollhom wiċċ li ma jiżloqx effikaċi.
 - (c) għandu jkollhom tul ta' mhux inqas minn 480 mm, wisa' ta' mhux inqas minn 115 mm, u ħxuna ta' mhux inqas minn 23 mm, minbarra kwalunkwe apparat jew gruving kontra ż-żliq.
 - (d) għandhom ikunu spazjati ndaqs bejniethom b'mod li ma jkunux inqas minn 300 mm jew iktar minn 380 mm 'l bogħod minn xulxin.
 - (e) għandhom ikunu mwaħħlin b'tali mod li jibqgħu dejjem orizzontali.
5. L-ebda sellum tal-imbark ma għandu jkollu iktar minn żewġ skaluni ta' sostituzzjoni li jkunu mwaħħlin sewwa f'pothom b'metodu differenti minn dak użat fil-konstruzzjoni oriġinali tas-sellum u l-iskaluni kollha li jkunu marbutin b'dan il-mod għandhom jinbidlu, malajr kemm jista' jkun sa fejn hu raġonevolment prattikabbli, bi skaluni mwaħħlin sewwa f'pothom bil-metodu użat fil-konstruzzjoni oriġinali tas-sellum.

Meta xi skaluna ta' sostituzzjoni tintrabat mal-ħbula tal-ġnub tas-sellum tal-imbark permezz ta' gruvs fil-ġenb tal-iskaluna, dawn il-gruvs għandhom ikunu fil-ġnub l-aktar twal tal-iskaluni.
6. Il-ħbula tal-ġnub tas-sellum għandhom ikunu magħmulin minn żewġt iħbula mikxufin tal-qanneb ta' manila jew minn ħbula ekwivalenti b'ċirkonferenza ta' mhux inqas minn 60 mm fuq kull naħa; kull ħabel għandu jitħalla mikxuf minn kwalunkwe materjal ieħor u għandu jkun kontinwu, mingħajr ġonot 'l isfel mill-iskaluna ta' fuq; żewġt iħbula prinċipali, marbutin sew mal-bastiment tas-sajd u b'ċirkonferenza ta' mhux inqas minn 65 mm, u ħabel ta' sikurezza, għandhom jinżammu lesti għall-użu f'każ ta' bżonn.

7. Faxex tal-injam magħmulin minn injam iebes jew minn materjal ieħor li jkollu proprjetajiet ekwivalenti, li jkunu f'biċċa waħda mingħajr għoqiedi u jkunu twal bejn 1,8 u 2 m, għandhom jiġu pprovduti b'ċertu distanza bejniethom, b'mod li s-sellum tal-imbark ma jitgħawwiġx. Il-faxxa tal-injam t'isfel nett għandha tkun mal-ħames skaluna mill-qiegħ tas-sellum u d-distanza bejn kull faxxa tal-injam u dik ta' warajha ma għandhiex tkun ta' iktar minn disa' skaluni.
8. Għandhom jiġu pprovduti mezz li jiżguraw passaġġ sikur u konvenjenti għall-ispetturi li jkunu qed jimbarkaw jew jiżbarkaw mill-bastiment bejn il-parti ta' fuq nett tas-sellum tal-imbark jew ta' xi sellum ta' akkomodazzjoni ieħor jew minn fuq tagħmir ieħor ipprovdut u l-gverta tal-vapur. Meta dan il-passaġġ ikun permezz ta' fetħa bejn il-binarij jew il-murata, għandu jkun hemm imqabad tal-idejn adegwati.
9. Meta dan il-passaġġ ikun permezz ta' sellum tal-murata, dan is-sellum għandu jkun imwahnal fis-sod mal-binarij tal-murata jew mal-pjattaforma u għandhom jitwahnlu żewġ puntali sabiex wieħed ikun jista' jqabbad idejh magħhom fil-post tal-imbark jew tal-iżbark tal-bastiment mhux inqas minn 0,70 m u mhux iktar minn 0,80 m 'l bogħod minn xulxin. Kull puntal għandu jitwahnal b'mod riġidu mal-istruttura tal-bastiment fil-bażi tagħha jew viċin tal-bażi tagħha, kif ukoll f'punt oġhla, għandu jkollu dijametru ta' mill-anqas 40 mm u għandu jestendi għal tal-anqas 1,20 m 'l fuq mill-quċċata tal-murata.
10. Għandu jiġi pprovdut id-dawl bil-lejl sabiex kemm is-sellum tal-imbark fuq il-ġenb kif ukoll il-pożizzjoni fejn l-ispettur jimbarka l-bastiment tas-sajd ikunu mdawla b'mod adegwat. Baga tas-salvataġġ mġhammra b'dawl li jixgħel waħdu għandha tinżamm fil-qrib lesta għall-użu. Għandha tinżamm siegla għall-għid fil-qrib lesta biex tintuża jekk ikun hemm bżonn.
11. Għandhom jiġu pprovduti mezz sabiex is-sellum tal-imbark ikun jista' jintuża fuq kull naħa tal-bastiment tas-sajd. L-ispettur inkarigat jista' jindika ma' liema naħa jixtieq li jitqiegħed is-sellum tal-imbark.
12. Uffiċjal inkarigat fuq il-bastiment tas-sajd għandu jissorvelja t-tqegħid tas-sellum f'postu u l-imbark u l-iżbark ta' spettur.
13. Meta, fuq kwalunkwe bastiment tas-sajd, karatteristiċi tal-kostruzzjoni bħall-profilu għall-protezzjoni tal-buq ma jkunux jippermettu l-implimentazzjoni ta' xi waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom isiru arranġamenti speċjali sabiex ikun żgurat li l-ispetturi jkunu jistgħu jimbarkaw u jiżbarkaw mingħajr periklu.

ANNEX V

LISTA MHUX EŻAWRJENTI TA' INDIKATURI GĦALL-IDENTIFIKAZZJONI TAL-ATTIVITAJIET TAS-SAJD IMWETTQA BL-UŻU TAX-XOGĦOL FURZAT

1. Qerq
 - (a) is-sajjieda ma għandhomx kuntratt bil-miktub, jew il-kuntratt huwa miktub b'lingwa li ma jifhmux.
 - (b) is-sajjieda ġew reklutati bil-fehim li l-impjieg huwa legali meta fil-fatt ma jkunx.
 - (c) is-sajjieda jiġu mwiegħda biex jaħdmu ma' impjegatur differenti/abbord bastiment tas-sajd differenti.
2. Kundizzjonijiet tax-xogħol abbużivi
 - (a) iċ-ċaħda ta' kura medika f'każ ta' korriment.
 - (b) iċ-ċaħda tad-dritt li s-sajjieda jittellgħu l-art għal kura medika f'każ ta' mard jew korriment serju.
3. Kundizzjonijiet tal-ġajxien abbużivi
 - (a) malnutrizzjoni (inklużi każijiet ta' beriberi) u deidratazzjoni fost is-sajjieda.
 - (b) faċilitajiet sanitarji inadegwati jew intollerabbli.
 - (c) spazju għar-ras mhux adegwat/iffullar żejjed.
4. Sahra eċċessiva
 - (a) daqs tal-ekwipaġġ inadegwat ħafna għat-tip/irkaptu tal-bastiment.
 - (b) vjaġġi tas-sajd twal iżżejjed.
 - (c) nuqqas kroniku ta' sigħat ta' mistrieħ u jiem ta' mistrieħ.
 - (d) iċ-ċaħda tal-liv fuq l-art u tal-liv annwali.
5. Xogħol b'remunerazzjoni sub-standard jew b'ebda paga
 - (a) sajjieda parzjalment jew kompletament imċaħħda mill-pagi.
6. Vulnerabbiltà abbużiva
 - (a) sajjieda vulnerabbli, inklużi sajjieda migranti, imġiegħla jaħdmu f'kundizzjonijiet intollerabbli jew f'theddida ta' vjolenza.
7. Restrizzjoni tal-moviment
 - (a) is-sajjieda ma jistgħux jitolqu minn fuq il-bastiment, inkluż waqt li jkunu fil-port.
8. Iżolament
 - (a) is-sajjieda jinżammu fuq il-baħar wara ż-żmien miftiehem.
 - (b) is-sajjieda jiġu iżolati minn membri oħra tal-ekwipaġġ abbord.
 - (c) is-sajjieda jkollhom it-telefown ċellulari tagħhom ikkonfiskat.
 - (d) is-sajjieda huma mċaħħda mill-aċċess għas-sistemi ta' komunikazzjoni u/jew mill-Wi-Fi.

9. Vjolenza fiżika u sesswali
 - (a) sinjal fiżiku ta' korriment jew evidenza oħra ta' vjolenza fiżika, sesswali jew psikoloġika.
 - (b) is-sajjieda huma soġġettati għal lingwa abbużiva.
10. Intimidazzjoni u theddid
 - (a) is-sajjieda huma ffaċċjati b'theddid multiplu bħala mezzi ta' koerċizzjoni u kontroll, inkluż xogħol addizzjonali jew ċaħda ta' ikel/ikliet.
11. Żamma tal-pagi jew ta' benefiċċji mwiegħda oħrajn
 - (a) il-kaptan jew l-aġenzija tar-reklutaġġ għandhom fil-pussess tagħhom passaporti, viża jew permessi tax-xogħol tas-sajjieda.
12. Jasar tad-dejn jew manipulazzjoni tad-dejn
 - (a) is-sajjieda jigu mitluba kostijiet addizzjonali għas-servizzi bażiċi abbord.

ANNESS VI
INFORMAZZJONI MINIMA LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA FIR-REĠISTRU TAL-
KAPTANI

L-informazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fir-reġistru tal-kaptani:

1. Identifikazzjoni tal-kaptan (ċittadini/Stati Membri oħra/pajjiżi terzi) li lilu ġew assenjati l-punti.
 - (a) Isem il-kaptan.
 - (b) nazzjonalità/nazzjonalitajiet tal-kaptan.
 - (c) kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni jew informazzjoni disponibbli.
2. Identifikazzjoni tal-bastiment(i) tas-sajd ikkonċernat(i).
 - (a) Isem il-bastiment(i) tas-sajd.
 - (b) numru ta' identifikazzjoni "CFR" (common fleet register number) jew, jekk mhux applikabbli, identifikatur uniku ieħor tal-bastiment.
 - (c) l-Istat tal-bandiera tal-bastiment(i) tas-sajd.
3. Reġistrazzjoni tal-punti.
 - (a) punti nnotifikati f'konformità mal-Artikolu 92(4) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u l-Istat(i) Membru/i tal-bandiera li jinnotifika/jinnotifikaw il-punti, fejn applikabbli.
 - (b) data meta ġew assenjati l-punti, u l-għadd totali ta' punti assenjati f'dik id-data.
 - (c) punti mħassra f'konformità mal-Artikolu 92(8) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u l-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament Delegat.
4. Sospensjoni jew irtirar tad-dritt tal-kmand.
 - (a) data tas-sospensjoni tad-dritt tal-kmand ta' bastiment tas-sajd, fejn applikabbli.
 - (b) data tal-irtirar permanenti tad-dritt tal-kmand ta' bastiment tas-sajd, fejn applikabbli.